*DANNI B'KONSEGWENZA TA' MANDAT KAWTELATORJU*

*ART 836 (8) (A) (B) (D) – KAP 12*

*KONTUMACJA = OPPOSIZZJONI*

*PROVA TA' DANNI EFFETTIVAMENT U ATTWALMENT SOFFERTI*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Frar 2002**

**Kawza Numru: 49**
**Citazzjoni Numru: 1509/97/RCP**

**Visual and Sound Communications Limited**

**vs**

**Mario Camilleri u martu Velimila Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-6 ta' Gunju 1997, il-konvenuti ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju Numru 3589/97 AS u Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 3588/97 kontra s-socjeta' attrici ghas-somma ta' mitejn u hamsin elf lira Maltin (Lm250,000), minhabba danni allegati kkawzati minn rapport maghmul lill-Kontrollur tad-Dwana, liema Mandati gew sussegwentement revokati fis-17 ta' Gunju 1997;

Illi s-socjeta' attrici ma ghamlet ebda rapport lill-Kontrollur tad-Dwana, kif allegat b'dikjarazzjoni guramentata mill-konvenut, u ghalhekk il-Mandati fuq citati ma setghux hlief inhargu b'malizzja, u b'mod frivolu u vessatorju;

Illi b'konsegwenza ta' tali agir da parti tal-konvenuti, is-socjeta' attrici soffriet danni ingenti f'illi ghall-perijodu kollu mis-6 ta' Gunju 1997 sas-17 ta' Gunju 1997, hija kellha, minghajr ebda htija fil-Ligi, l-assi kollha taghha kif ukoll konsenji konsiderevoli ta' xoghol sekwestrati; illi ghall-imsemmi perijodu ta' zmien, is-socjeta' attrici sabet ruhha fl-impossibilta' li tiffunzjona bir-riskju sahansitra li jinghalaq in-negozju taghha; illi l-merkanzija tas-socjeta' attrici li giet sekwestrata kienet mehtiega b'certa urgenza ghall-iffunzjonar tan-negozju, u d-dewmien fir-rilaxx tal-merkanzija kkawzat mis-Sekwestru mitlub mill-konvenuti kkawza danni konsiderevoli f'dan is-sens;

Illi hemm bazi illi t-talba tas-socjeta' attrici tinkwadra ruhha fit-termini ta' l-artikolu 836(9) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fis-sens illi l-konvenuti ma ghamlux il-kawza fiz-zmien stabbilit mil-Ligi (artikolu 836(8)(a)), ma saret ebda talba ghall-pagament tad-danni allegatament sofferti minnhom fi zmien hmistax-il gurnata qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug tal-Mandati Kawtelatorji fuq citati (artikolu 836(8)(b)), u t-talba tal-konvenuti saret b'malizzja u kienet frivola u vessatorja (artikolu 836(8)(d): l-artikolu 836(9) jaghti, jekk jigu stabbiliti l-ipotesijiet u l-estremi ta' l-artikolu 836(8), id-dritt illi jintalbu d-danni;

L-istess socjeta` attrici talbu li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-Mandati fuq citati nhargu b'malizzja, u b'mod frivolu u vessatorju, mill-konvenuti, u minghajr ma l-istess konvenuti talbu b'xi mod lis-socjeta' attrici li thallas id-danni allegatament sofferti minnhom, jew li tipprovdi sigurta' bizzejjed;

2. tiddikjara u tiddeciedi illi a tenur ta' l-artikolu 836 (8) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghar-ragunijiet suesposti, il-konvenuti huma responsabbii ghad-danni ingenti kkawzati lis-socjeta' attrici bl-agir taghhom;

3. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici kif fuq deskritti;

4. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici d-danni hekk likwidati. Bl-ispejjez u bir-rizerva ta’ kull dritt fil-Ligi.

Il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbali tal-14 ta’ Mejju 1998, tal-21 ta’ Ottubru 1998, tat-3 ta’ Frar 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia biex jisma l-provi kollha dwar il-kaz u halliet il-kawza ghat-12 ta’ Mejju 1999 ghall-finali trattazzjoni.

Rat li c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-Mario Camilleri et fis-17 ta’ Novembru 1998 u baqa’ ma pprezenta ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbali tat-12 ta’ Mejju 1999, tal-20 ta’ Ottubru 1999 fejn Dr Kenneth Gulia ddikjara li hu qeda l-inkarigu tieghu billi semgha l-provi kollha tal-attur u ta’ Dr P Galea u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolo ghas-26 ta’ Jannar 2002, fejn peress li l-Qorti

kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza il-kawza giet differita ghat-22 ta' Marzu 2000 u tat-22 ta' Marzu 2000 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza stante li kellha bzonn kjarament dwar id-danni sofferti mis-socjeta` attrici u halliet il-kawza biex jidhru r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici u d-difensuri sabiex jaghtu spjegazzjoni u x-xhieda dwar l-istess ghall-24 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbali tal-24 ta' Mejju 2000 fejn xehed Joseph Borg, tas-27 ta' Gunju 2000, tal-10 ta' Lulju 2000, tas-16 ta' Novembru 2000, tas-27 ta' Marzu 2001 fejn Dr Patrick Galea talab li x-xhieda li nghatat fil-kawza Cit Nru 1317/97/RCP tghodd ukoll bhala xhieda f'din il-kawza, il-Qorti laqghet it-talba, tas-26 ta' Gunju 2001, tat-8 ta' Novembru 2001 fejn xehdet Grace Borg u tal-24 ta' Jannar 2002 fejn Dr Patrick Galea ghas-socjeta` attrici iddikjara li m'ghandux aktar provi u l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-Qorti ghal kull effett u boun fini tal-ligi tikkonferma

d-digriet taghha li l-provi u dokumenti migbura fir-rikors tal-10 ta' Gunju 1997 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid fl-ismijiet "Mario Camilleri et vs Visual and Sound Communications Limited" (Rikors Nru 1317/97/RCP) ghandhom jghoddu wkoll bhala provi f'din il-kawza.

## A. PRINCIPJI LEGALI

Illi l-posizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parte tal-konvenuti ta' rikors ghall-hrug ta' Mandati Kawtelatorji gie trattat fil-kawza fl-ismijiet "**Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri**" (P.A. J.S.P. 10 ta' Jannar 1992) fejn gew riaffermati s-segwenti principji:-

(a) Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "*Qui suo iure utitur, non videtur damnum facere*", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-citaddin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.

(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.

(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament

li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "*Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca"* ("**Demajo vs Page**" - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("**Emanuele Calleja vs Carmelo Grima**" - A.C. - XXXIX. I. 24) nascenti minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpusa ("**Agius vs Dott. Carbone nomine**" - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "*priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite*". ("**Mugliette vs Bezzina**" - XXVI. I. 405).

(e) Illi dan l-ahhar principju huwa ibbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti l'interessi che ne sono degni, per*

*dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti".* Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi: "*chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..".* (Baudry - Lanactinerie. - **Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni**- Vol. VI. Pg.560).

Illi mill-premessi tac-citazzjoni attrici jirrizulta li din saret peress li s-socjeta' attrici allegat li hija sofriet danni b'konsegwenza tal-ispedizzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 3588/97 fl-ammont ta' Lm250,000 u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Nru 3589/97 AS li baqghu veljanti mis-6 ta' Gunju sas-17 ta' Gunju 1997 u minhabba f'hekk l-assi kollha taghha kif ukoll konsenji konsiderevoli ta' xoghol gew sekwestrati u hija sabet ruhha li topera n-negozju taghha b'riskju tant li ma setghetx tirtira l-merkanzija taghha mid-Dwana.

Illi fis-sentenza deciza fis-6 ta' Gunju, 2000 fl-ismijiet "**SN Properties Ltd vs George Camilleri**" (P.A. (RCP) Cit Nru 2942/97/RCP) inghad illi:

"*B'effett tal-Att XXIV tal-1995, l-Artikolu 836 (9) li jirreferi ghas-subartikolu (8) indika l-kazi ad hoc fejn persuna tista' taghmel citazzjoni kontra l-persuna li fuq talba taghha ikun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garbet bil-hrug tal-mandat u*

*l-kazijiet indikati huma ai termini tal-artikolu (8) u (9) is-segwenti:-*

*(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmlix il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stipulat mill-ligi.*

*(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed.*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat.*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola, jew vessatorja.*

*Illi minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbiliet il-gurisprudenza konstanti fuq citata, ma jkunx hemm*

*abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana.*

*Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-**Artikolu 1031 tal-Kap 16**, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **artikolu 836 (9)**. Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel, in materia ta' possibilita` ta' azzjoni danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess **artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Vincent Mercieca vs George Galea**" deciza fid-29 ta' Novembru 2001, (P.A. (RCP) Cit Nru: 745/95/RCP) inghad ukoll li:

*"Dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza huwa jekk il-konvenut kellux prima facie bazi guridika li fuqha setgha jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-*

*istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-posittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja il-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni "**Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd**" (P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001) "Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu". Tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Cammast Ltd vs Joseph E Gauci et**" – P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2000."*

## B. APPLIKAZZJONI TAL-ISTESS PRINCIPJI GHALL-KAZ *DE QUO*

Illi c-citazzjoni attrici hija mibnija fuq l-allegazzjoni li bl-imsemmija Mandati Kawtelatorji effettivi fi zmien indikat fic-citazzjoni attrici l-istess socjeta` soffriet danni minhabba l-fatt minnha allegat li l-assi taghha kollha gew ilkoll sekwestrati u ghalhekk ghamlet din l-azzjoni ta' danni abbazi tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 (8) (a) u (b) u (d)**.

Illi harsa lejn l-istess artikoli jirrizulta ippruvat illi l-konvenuti m'ghamlu l-ebda kawza fiz-zmien stipulat mill-ligi konsegwenti ghall-Mandati Kawtelatorji indikati fic-citazzjoni, u wkoll jirrizulta li l-istess konvenuti ma nterpellaw bl-ebda mod lill-istess socjeta` attrici ghad-danni minnhom allegati fil-Mandati Kawtelatorji premessi, u

ghalhekk ir-rekwiziti tal-artikolu 836 (8) (a) u (b) gew ilkoll sodisfatti ghall-fini ta' din il-kawza.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi l-konvenuti anke peress li baqghu kontumaci ma gabu ebda raguni sabiex jiggustifikaw l-agir taghhom bil-hrug tal-Mandati Kawtelatorji u ghalkemm jinghad fl-istess Mandati Kawtelatorji li dawn inhargu minnhom abbazi tal-allegati danni sofferti minnhom minhabba rapport li allegatament sar kontra taghhom mis-socjeta` attrici kawza ta' liema nzammu 60,000 CD taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana, lanqas jidher li tali rapport fil-fatt sar mis-socjeta` attrici, anzi mill-provi llum prodotti s-socjeta` attrici allegat b'mod konsistenti li tali rapport qatt ma kien sar minnha u l-involviment taghha kien biss li hija giet mitluba mill-membri tal-Korp tal-Pulizija sabiex jitolbu parir lilhom dwar il-konfiska tal-istess CDs tal-konvenuti u sabiex jaghtu dan il-parir huma ghamlu l-verifiki necessarji. Illi minn dan kollu jirrizulta illi l-hrug tal-Mandati Kawtelatorji da parti tar-rikorrenti kien frivolu u vessatorju aktar u aktar meta l-istess konvenuti setghu facilment jivverifikaw li s-socjeta` attrici ma kienitx ghamlet ir-rapport lill-Pulizija indicjat u dan kellu jsir qabel il-hrug tal-istess Mandati Kawtelatorji u tali vessatorjeta` tirrizulta wkoll mill-fatt li l-istess mandati li nhargu ghall-ammont ta' Lm250,000 liema ammonti bl-ebda mod ma gew imkien spjegati. Is-sitwazzjoni hija aktar gravi meta wiehed jikkonsidra li s-socjeta` attrici qatt ma kienet interpellata qabel sabiex tersaq ghal tali hlas ta' danni u wkoll li fiz-zmien relattivament qasir jirrizulta mhux

biss li tali Mandati Kawtelatorji ma gewx segwiti b'citazzjoni izda addirittura rtirati mill-istess konvenuti. Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi nonostante dan pero` u nonostante l-fatt li l-konvenuti baqghu kontumaci is-socjeta` attrici xorta ghandha l-oneru impost fuqha li hija tipprova l-ammont ta' danni li realment gew sofferti minnha b'konsegwenza biss tal-hrug tal-istess Mandati Kawtelatorji u dan anke ghaliex l-istat ta' kontumacja ma hijiex ammissjoni da parti tal-konvenuti izda addirittura opposizzjoni ghat-talbiet attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s- socjeta` attrici qed tallega li hija soffriet danni fl-ammont ta' Lm22,328 kif jirrizulta mid-dokument GB1 a fol 42 tal-process, fejn hija qed issostni li dawn jikkonsistu fis-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| (a) | Valur tal-merkanzija mizmuma | Lm34,736 |
| (b) | Average Gross Mark-Up ta' 60% retail | Lm20,841 |
| (c) | Average Net Mark-Up ta' 25% Wholesale | Lm8,684 |
| | Total | Lm43,420 |
| (d) | Estimated 33% Loss of Sales | Lm14,328 |
| (e) | Less credibility with suppliers | Lm7,500 |
| (f) | Legal and Court Expenses (estimated) | Lm500 |
| | **Total ta' Danni Reklamati** | **Lm22,328** |

Illi l-Qorti tirrileva li dan huwa differenti mid-danni reklamati mill-istess socjeta` attrici skond id-dokument JB1 esebit

mis-socjeta` attrici a fol 20 tal-process, fejn hemm hekk id-danni reklamati kienu addirittura ta' Lm40,026. Fil-fatt meta wiehed iqabbel iz-zewg estimi flimkien jirrizulta li hemm divergenzi fuq il-persentagg ta' l-Average Mark-Up li minn 70% gew ridotti ghall-60%, kif ukoll fil-persentagg ta' l-istima tat-telf ta' bejgh tal-istess oggetti li minn 50% gew imnizzla ghall-33%. Dan apparti li s-somma ghall-*Loss Of Credibility Of Suppliers* giet imnizzla mill-ewwel rendikont ghat-tieni rendikont mis-somma ta' Lm10,000 ghas-somma ta' Lm7,500.

Illi dan fih innifsu ma jwassalx sabiex jikkonvinci l-Qorti dwar id-danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici u dan minhabba l-inkonsistenzi fuq indikati.

Illi apparti dan l-istess socjeta` attrici ghalkemm mitluba taghmel dan diversi drabi minn din il-Qorti naqset li tipprova li realment kien hemm dan it-tnaqqis ta' bejgh fil-perjodu kopert meta l-istess Mandati Kawtelatorji kienu *in vigore* u fil-fatt l-istess socjeta` attrici ma esebiet l-ebda *records* tal-bejgh li kienet taghmel fiz-zmien ta' qabel sabiex jigi mqabbel mar-*records* ukoll mhux esebiti relattiv ghall-perjodu in kwistjoni. Dan apparti l-fatt li ma gew esebiti l-ebda dokumenti kwalunkwe sabiex jissostanzjaw il-figuri kollha indikati fl-istess rendikont inkluz il-prezz tal-istess oggetti kif jinhadem il-persentagg tal-*Average Mark-Up*, il-profitt fuq l-istess u t-telf ta' profitt fil-kaz *de quo*. Illi apparti dan ma hemm ebda prova kwalunkwe biex tissostanzja it-tnaqqis ta' bejgh allegat fil-perjodu in kwistjoni u m'hemm l-

ebda spjegazzjoni ghaliex fl-ewwel stima inha l-persentagg ta' 50% bhala nuqqas ta' bejgh mentri fit-tieni rendikont dan gie ridott ghall-persentagg ta' 33%.

Illi jinghad ukoll li ma ngabet ebda prova kwalunkwe biex tikkorrobora l-allegazzjoni attrici li tali prodotti gew fil-fatt mibjugha bil-prezzijiet inqas jew ferm inqas min-normal minhabba li l-istess oggetti damu biex jigu rilaxxati mid-Dwana u wkoll minhabba l-Mandat ta' Sekwestru vigenti. In verita` lanqas saret il-prova ta' liema assi tal-kumpanija gew in verita` sekwestrati apparti l-oggetti li kienu f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana.

Illi minbarra dan il-Qorti tinnota li l-ammont ta' Lm10,000 ridott ghas-somma ta' Lm7,500 u indikata bhala "*Loss Of Credibility With Suppliers"* ma giet bl-ebda mod spjegata u sostanzjata u ghalhekk anke taht dan l-aspett il-provi attrici ma humiex konvincenti.

Fl-ahhar nett ghas-somma ta' Lm500 indikata bhala spejjez gudizzjarji u legali, apparti l-ispejjez ta' din il-kawza li ser jigu decizi aktar il-quddiem ma saret ebda prova dwar l-istess, u ghalhekk anke dawn qed jigu michud minn din il-Qorti.

Illi in vista ta' dan kollu din il-Qorti thoss li s-socjeta` attrici naqset li tipprova li hija realment soffriet id-danni minnha allegati u sempliciment produzzjoni ta' *statement* mahdum fuq estimi approssimattivi, tant li tali estimi gew varjati mill-

istess socjeta` attrici fil-mori tal-kawza, ma jikkwalifikax bhala prova konklussiva fil-grad necessarju sabiex din il-Qorti taccetta t-tezi attrici.

Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li s-socjeta` attrici kellha tipprova huwa dak indikat skond l-artikolu 1045 tal-Kap 16 u cioe` "*it-telf effettiv li l-eghmil (tal-konvenuti) ikun gab direttament lill-parti li tbaghti l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, ... ... ".*

Illi mill-provi prodotti minn imkien ma jirrizulta dan it-telf effettiv u lanqas it-telf ta' qliegh iehor attwali u kull ma gie pprezentat kienet biss stima approssimattiva li ma hijiex sufficcjenti sabiex fl-opinjoni ta' din il-Qorti jinghad li kien hemm dan it-telf ta' qliegh attwali u telf effettiv fil-konfront tas-socjeta` attrici. Illi ghalhekk it-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici qed jigu hawn michuda stante li ma gewx ippruvati da parte tas-socjeta` attrici.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenuti filwaqt li **tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attrici** stante li ma gewx ippruvati u ghalhekk huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' l-ewwel talba attrici** fil-konfront tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D**
**28 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Jannar 2002**